**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.10481 — Silver Lake/BV/Clubesssive Holdings)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 402/07)

1. Fis-27 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Silver Lake Group LLC ("Silver Lake", l-Istati Uniti tal-Amerika),

— Battery Management Corp. ("BV", l-Istati Uniti tal-Amerika), u

— Clubessential Holdings, LLC ("Clubessential", l-Istati Uniti tal-Amerika), attwalment ikkontrollata unikament minn BV.

Silver Lake u BV jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Clubessential.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Silver Lake: ditta ta' investiment globali ffukata fuq it-teknoloġija, industriji abilitati mit-teknoloġija u industriji ta' tkabbir relatati,

— għal BV: ditta tal-investiment globali u ffukata fuq it-teknoloġija, b'fokus ewlieni fuq is-software ta' applikazzjoni, l-infrastruttura tal-IT, l-internet tal-konsumatur/it-teknoloġija mobbli u industrijali, kif ukoll servizzi appoġġati mit-teknoloġija, u

— għal Clubessential: fornitur ta' pakkett komplet ta' Software għall-ġestjoni tas-sħubija u tal-klabbs bħala Soluzzjonijiet ta' servizz għal klabbs privati, klabbs tas-saħħa u tal-fitness, programmi atletiċi tal-kulleġġi, u parks u entitajiet ta' rikreazzjoni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10481 — Silver Lake/BV/Clubessential Holdings

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Post elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË